MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Numru. 395/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**
**KONTRA**

**KABA KONATE**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Kaba Konate ta’ 28 sena, bin Ciamoko u Amanita, mwieled Lakota, fil- Kosta ta’ l- Avorju fis- 6 ta’ Marzu 1982, residenti Western Flats, Triq il- Gidwed, Wied il-Ghajn u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 45772(A);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Nhar l- 20 ta’ April 2009, ghall- habta tad-9.00pm, filwaqt li kien fi Triq il- Maghluq gewwa Wied il-Ghajn, u aktar tard gewwa l- Ghassa ta’ Haz- Zabbar, kif ukoll waqt li kien qed jigi eskortat lejn il- lock up, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’ hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, fil- konfront ta’ PS 1593 Alfred Cachia, PC 654 Elton Bondin u ufficjali ohra tal-Pulizija, bhala persuni nkarigati skond il- Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall- ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghti skond il- Ligi minn awtorita’ kompetenti;

2) Ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdhiex l- ordnijiet Legittimi ta’ l- Awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliehx jew fixkel waqt li kienu qed jaghmlu d- dmirijiet taghhom;

3) Ukoll talli fl- istess data, lok,  hin u cirkostanzi, filwaqt li kien fi Triq il- Maghluq, gewwa Wied il- Ghajn, u aktar tard gewwa l- Ghassa ta’ Haz- Zabbar, kif ukoll waqt li kien qed jigi eskortat lejn il- lock up, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il- persuni ta’ PS 1593 Alfred Cachia u PC 654 Elton Bondin u ufficjali ohra tal- Pulizija, bhala persuni nkarigati skond il- Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall- ezekuzzjoni tal- Ligi jew ta’ ordni moghti skond il- Ligi minn Awtorita’ kompetenti;

4) Barra minn dan, akkuzat ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostnazi fl- inhawi ta’ Wied il- ghajn, Haz-Zabbar u fi bnadi ohra tal- Gzejjer Maltin, volontarjament kiser il- Bon Ordni u l- Paci Pubblika b’ ghajjat u glied;

5) Aktar talli fl- istess cirkustanzi, fl- inhawi ta’ Wied il- ghajn, Haz- Zabbar u fi bnadi ohra tal- Gzejjer Maltin, f’ lok pubbliku jew miftuh ghall- pubbliku, kien jinsab fis-sakra, b’ mod li ma jkunx jista’ jiehu hsieb tieghu innifsu;

6) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, filwaqt li kien fi Triq il- Maghluq, gewwa Wied il- Ghajn, u aktar tard gewwa l- ghassa ta’ Haz- Zabbar, kif ukoll waqt li kien qieghed jigi eskortat lejn il- lock up, qal kliem oxxen, indecenti u dagha;

7) U aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ tharis tar- regolamenti kkaguna hsarat involontarja fil- vettura tal- ghamla Alfa Romeo mudell 156 u bin- numru tar- registrazzjoni KBE 345 liema hsarat jeccedu ghal €116.47 ghad- dannu ta’ Donald Camilleri u persuni ohra;

8) Ukoll talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ tharis tar- regolamenti kkaguna hsarat involontarja, fil- propjeta’ msemmija Clathan, li tinsab fi Triq il- Maghluq, gewwa Wied il- Ghajn, liema hsarat jeccedu ghal €116.47 ghad- dannu ta’ Jonathan Anthony Pace u persuni ohra;

9) Ukoll fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq jew ippruva jsuq jew kellu kontroll ta’ motor-car fit-t riq, meta ma kienx f’ kundizzjoni li jsuq minhabba xorb, kif ukoll talli saq, ippruva jsuq jew kellu kontroll tal- imsemmija motor- car fit- triq, wara li kien ikkonsma tant alcohol li l- proporzjoni tieghu fin- nifs, fid- demm jew l- urina kien izjed mill- limitu preskritt mill- Ligi;

10) Billi nhar l- 20 ta’ April 2010, fil-waqt li kien fi Triq il- Maghluq, gewwa Wied il- Ghajn, saq il- vettura ta’ l- ghamla Tata, mudell Indica, bin- numru tar- registrazzjoni BBL 702 b’ nuqqas ta’ kont, bi traskuragni u b’ manjiera perikoluza;

11) Ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien fi Triq il- Maghluq, gewwa Wied il- Ghajn, insulenta lil Donald Camilleri u familjari ohra;

12) Barra minn dan akkuzat ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, gab ruhu b’ tali mod li kkaguna lil haddiehor biza’ li ser tintuza’ vjolenza kontra taghhom,

meta hu kien jaf jew missu kien jaf li b' tali mgieba tieghu ser jikkaguna li haddiehor biza';

13) Ukoll talli kiser sentenza mposta fuqu mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D fil- Qorti tal- Magistrati (Malta), liema sentenza saret effettiva mid- 29 ta' Gunju 2008.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni;

Rat illi l-imputat hallas lill-parte civile l-ammont ta' flus bhala danni sofferti minnhom, li ghalhekk iddikkjaraw illi huma ma kellhom ebda pretensjoni ohra kontra l-imputat dwar din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi in vista tal-ammissjoni bikrija tal-imputat, u in vista tal-hlas tad-danni maghmula minnu lill-parte civile, il-Qorti hi tal-fehma li ghandu jkun hemm temperament fil-piena, fejn din hi permessa mil-ligi. Fil-mori hu hallas is-somma ta' €375 lil Donald Camilleri, u s-somma ta' €325 lil Jonathan Pace. Kwantu ghall-fatt illi l-imputat saq vettura taht l-influwenza tal-alkohol, il-Qorti sejra tiskwalifikah milli jzomm il-licenzja tas-sewqan ghal sena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 95, 96, 338(bb), (dd), (ee) u (ff), 328(d), 339(1)(d) u (e), 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Kif ukoll l-Artikoli 15(1)(a) u (b), (2) u 15A tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
Testendi l- perjodu operattiv tas- sentenza moghtija fid- 29 ta' Gunju 2008, ghal erba' (4) snin minn dik id- data.

Tordna l- iskwalifika tal- licenzja tas- sewqan tal- imputat ghal sena.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------